



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.2.2018  
C(2018) 1148 final

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 28.2.2018**

**dwar l-estensjoni ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw *is-Salmonella* spp. stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għal-laħam li joriġina mit-tiġieġ tas-simna (*Gallus gallus*) maħsub għad-Danimarka**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 28.2.2018

## **dwar l-estensjoni ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw *is-Salmonella* spp. stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għal-laħam li joriġina mit-tiġieġ tas-simna (*Gallus gallus*) maħsub għad-Danimarka**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi dwar l-iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali għall-operaturi tan-negozju tal-ikel, b'ċerti garanziji speċjali għal ċertu ikel li joriġina mill-annimali maħsub għas-swieq tal-Finlandja u tal-Iżvezja. Għaldaqstant, l-operaturi tan-negozju tal-ikel li beħsiebhom iqiegħdu fis-suq laħam minn annimali speċifikati f'dawk l-Istati Membri jridu jikkonformaw ma' ċerti regoli fir-rigward tas-*Salmonella*. Barra minn hekk, il-konsenji ta' dan il-laħam iridu jkunu akkumpanjati minn dokument kummerċjali li jiddikjara li twettaq test mikrobijoloġiku b'riżultati negattivi skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
- (2) Minbarra dan, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005<sup>2</sup> jispeċifika dawk il-garanziji speċjali, li jstabbilixxu r-regoli dwar il-kampjunar ta' dan il-laħam u l-metodi mikrobijoloġiċi għall-eżami ta' dawk il-kampjuni. Jistabbilixxi wkoll mudell dokument kummerċjali li jakkumpanja l-konsenji tal-laħam.
- (3) Fil-5 ta' Ottubru 2007, l-Amministrazzjoni Veterinarja u Alimentari Daniża ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għal garanziji speċjali biex jiġu awtorizzati għad-Danimarka fir-rigward tas-*Salmonella* fil-laħam li joriġina mit-tiġieġ tas-simna (*Gallus gallus*) għad-Danimarka kollha skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tal-Programm Daniż ta' Kontroll tas-*Salmonella* għal-laħam li ġej mit-tiġieġ tas-simna (*Gallus gallus*).
- (4) Matul il-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2008, il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali qabel dwar dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni intitolat "Dokument ta' gwida dwar ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' kontroll tas-*Salmonella* li jridu jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk

<sup>1</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 tal-14 ta' Ottubru 2005 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-salmonella għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd (ĠU L 271 15.10.2005, p. 17).

approvati għall-Iżvezja u għall-Finlandja fir-rigward tal-laħam u l-bajd tal-*Gallus gallus*<sup>3</sup>(id-“Dokument ta’ gwida”).

- (5) Il-Programm ta’ Kontroll tas-*Salmonella* Daniż għal-laħam li joriġina mit-tiġieġ tas-simna (*Gallus gallus*) jitqies bħala ekwivalenti għal dak approvat għall-Finlandja u għall-Iżvezja u hu konformi mad-Dokument ta’ gwida. Madankollu, l-prevalenza tas-*Salmonella* fil-qatgħat ta’ *Gallus gallus* għat-tnissil kienet ogħla mil-limitu massimu propost fid-Dokument ta’ gwida, u għalhekk ma setgħetx titqies bħala ekwivalenti għas-sitwazzjoni fil-Finlandja u fl-Iżvezja.
- (6) Fis-6 ta’ Frar 2017, l-Amministrazzjoni Veterinarja u Alimentari Daniża għaddiet dejta dwar il-prevalenza tas-*Salmonella* fil-qatgħat ta’ tiġieġ *Gallus gallus* għat-tnissil, fit-tiġieġ adulti għat-tnissil, fit-tiġieġ tas-simna u l-laħam tal-*Gallus gallus* għall-perjodu bejn l-2011-2016. Il-prevalenzi għall-2015-2016 huma skont il-limiti massimi stabbiliti fid-Dokument ta’ gwida.
- (7) Għaldaqstant, il-garanziji speċjali jenħtieġ li jiġu estiżi għall-konsenji tal-laħam mit-tiġieġ tas-simna (*Gallus gallus*) maħsub għad-Danimarka. Barra minn hekk, ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1688/2005 dwar it-teħid ta’ kampjuni ta’ dan il-laħam, il-metodi mikrobijoloġiċi għall-eżami ta’ dawk il-kampjuni u d-dokument kummerċjali, jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-konsenji.
- (8) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Id-Danimarka hi awtorizzata tapplika l-garanziji speċjali dwar is-*Salmonella* spp. stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-konsenji tal-laħam li joriġina mit-tiġieġ tas-simna (*Gallus gallus*), kif definit fil-punt 1.1 tal-Anness I ta’ dak ir-Regolament, maħsub għad-Danimarka.

#### *Artikolu 2*

Il-konsenji tal-laħam imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat li jikkonforma mal-mudell previst fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1688/2005.

#### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>3</sup> [https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/biosafety\\_food-borne-disease\\_salmonella\\_guidance\\_min-req\\_eggs-poultry-meat.pdf](https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/biosafety_food-borne-disease_salmonella_guidance_min-req_eggs-poultry-meat.pdf)

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28.2.2018

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Jean-Claude JUNCKER*